

FTEHIM TA' COTONOU AKP-UE

**GRUPP TAL-ISTATI AFRIKANI, TAL-
KARIBEW U TAL-PAĊIFIKU**

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 22 ta' Diċembru 2020

AKP/84/071/20

AKP-UE 2106/20

DEĊIŻJONI AKP-UE

Suġġett: Deċiżjoni Nru 3/2020 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tat-22 ta' Diċembru 2020 li testendi l-mandat tal-membri tal-Bord Eżekuttiv taċ-Ċentru Tekniku ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali (ĊTA)

DEĊIŻJONI Nru 3/2020

TAL-KUMITAT TAL-AMBAXXATURI AKP-UE

tat-22 ta' Diċembru 2020

li testendi l-mandat tal-membri tal-Bord Eżekuttiv

taċ-Ċentru Tekniku ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali (ĊTA)

IL-KUMITAT TAL-AMBAXXATURI AKP-UE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(5) tal-Anness III tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 5/2013 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tas-7 ta' Novembru 2013 dwar l-Istatuti taċ-Ċentru Tekniku ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali (ĊTA)², u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Anness tagħha;

¹ ĠU UE L 317, 15.12.2000, p. 3.

² ĠU UE L 309, 19.11.2013, p. 50.

Billi:

- (1) L-Artikolu 5(4) tal-Istatuti taċ-ĊTA jipprevedi li l-membri tal-Bord Eżekuttiv taċ-Ċentru Tekniku ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali (ĊTA) għandhom jinħatru mill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE f'konformità mal-proċeduri stabbiliti mill-Kumitat għal perijodu ta' mhux aktar minn ħames snin, soġġetti għal reviżjoni ta' nofs it-term.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 95(1) tiegħu, il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE kellu jiskadi fid-29 ta' Frar 2020.
- (3) F'konformità mad-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tas-17 ta' Diċembru 2019 li jiġu adottati miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE³, l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE għet estiża sal-31 ta' Diċembru 2020, jew sad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim il-ġdid jew sal-applikazzjoni proviżorja bejn l-Unjoni u l-Istati AKP tal-Ftehim il-ġdid, skont liema tiġi l-ewwel.
- (4) F'konformità mad-Deċiżjoni Nru 1/2020 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tal-24 ta' Frar 2020 li taħtar il-membri tal-Bord Eżekuttiv u d-Direttur taċ-Ċentru Tekniku ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali (ĊTA)⁴, il-mandat tal-membri tal-Bord Eżekuttiv jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2020.

³ ĠU UE L 1, 3.1.2020, p. 3.

⁴ ĠU UE L 72, 9.3.2020, p. 26.

- (5) F'konformità mad-Deċiżjoni Nru 2/2020 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tal-4 ta' Diċembru 2020 li temenda d-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE sabiex jiġu adottati miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE⁵, l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ġiet estiża sat-30 ta' Novembru 2021, jew sad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim il-ġdid jew sal-applikazzjoni proviżorja bejn l-Unjoni u l-Istati AKP tal-Ftehim il-ġdid, skont liema tiġi l-ewwel.
- (6) Il-mandat tal-membri tal-Bord Eżekuttiv taċ-ĊTA jenħtieġ li jiġi estiż,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

⁵ ĠU UE L 420, 14.12.2020, p. 32.

Artikolu 1

Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe deċiżjoni sussegwenti li l-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE jista' jieħu fil-qafas tal-prerogattivi tiegħu, il-mandat tal-persuni li ġejjin bħala membri tal-Bord Eżekuttiv taċ-ĊTA huwa b'dan estiżi sat-30 ta' Novembru 2021:

- il-Professur Augusto Manuel CORREIA,
- is-Sur David HUNTER,
- is-Sinjura Helena JOHANSSON,
- is-Sur Abel KPAWILINA-NAMKOISSE,
- Dr. Boitshoko NTSHABELE, u
- is-Sinjura Frederike PRAASTERINK.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Diċembru 2020

Għall-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE
Il-President
Michael CLAUSS
